# Il-Fantażma ta' San Bert

## jikteb Peter Caruana



Il-Kappella ta' San Bert
fi triq il-kbira - Tarxien

Meta kont il-Mużew, nitgħallem id-duttrina ma' sħabi s-subien, ma kellniex bini propju, la fejn nitgħallmu, u wisq inqas fejn niltaqgħu. Niftakar li fi triq l-iskola, quddiem id-dar tat-tgħalim, kien hemm dar li kellha żewġ kmamar isfel u tnejn oħra fuq. Kienet dar żgħira u fis-sajf il-lezzjonijiet kienu jsiru fuq il-bejt. Din id-dar inkriet mis-Soċjetà tal-Mużew wara li kienu ħallew dar oħra li kienet fi triq Pawla, kantuniera ma' Lanzon. Xi tfal oħra kienu jitgħallmu d-duttrina f'dar qrib Vjal Simmons.

Kull nhar ta' Ħadd, it-tfal li konna mmorru l-Mużew, kien ikollna quddiesa fis-sebgħa ta' filgħodu, fil-Kappella ta' San Bert. Meta kien ikollna xi laqgħa, jekk fis-sajf kienet issir fil-bitħa ta' l-iskola u fix-xitwa f'San Bert. Ngħid għalija, li nisma' l-Quddiesa mat-tfal sħabi, kont inħossni aktar miġbur, minħabba t-talb bil-Malti li kien jingħad. Il-Quddiesa kienet tkun bil-Latin, u jien, dak iż-żmien, bħal ħafna bħali, ma konniex nifhmu l-ilsien Latin. Għalkemm kont abbati u naf bl-amment it-talb kollu tal-Quddiesa, ħlief ite missa est - deo gratias, ma kontx naf, għax dan kien ifisser l-għeluq tal-Quddiesa.

Il-Knisja ta' San Bert, kont inħossha tilqagħni ħafna. Fil-ġabra u ċ-ċokon tagħha, kont inħossha kennija, għalkemm fix-xitwa qajla tissaporti bil-kesħa. Ġieli smajt min isejjaħ lil din il-Kappella bħala tal-parir it-Tajjeb, iżda fula f'qargħa kont tisma' lil min isejjaħ lill-Knisja b'dan l-isem. Sakemm kont għadni tifel, ftit li xejn kien jinteressani l-għamla tal-bini ta' din il-Kappella. Kont naf biss li quddiemha kien hemm il-Villa ta' Bowyer School, hekk konnha nafuha din il-Villa kbira, għaliex wara li konna neħilsu mill-ewwel sentejn fl-iskola taż-żgħar ta' Triq l-Iskola, it-tfal subien konna mmorru nkomplu ħames snin tagħlim f'din il-Villa. Għalkemm dejjem nafha bl-isem ta' Bowyer, din il-Villa nbniet minn Leonardu Abela, Isqof ta' Sidon, fis-snin 1564\66. Dan nafuh minn kitba bl-ingliż fuq irħama li tinsab fl-intrata fuq il-bieb tax-xellug.

Meta bdejt nitfarfar u dak kollu li kien ta' Raħal Twelidi beda jinteressani sewwa, sirt naf li t-tinqiex u l-għamla tat-tqegħid tal-ġebel tal-Knisja ta' San Bert, kien fuq l-istil barokk li kien jagħmel lil din il-Kappella bħala waħda mill-isbaħ tal-Gżejjer tagħna. Għall-moħħ ta' tifel li kont, l-istil tal-bini tal-Kappella, ftit li xejn kien jogħġobni minħabba t-tgerfix ta' skultura li kien hemm fil-bini. Iżda fis-sena 1764, meta fit-30 ta' April tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja ta' San Bert, l-istil Barokk kien fl-aqwa tiegħu. Ħafna mill-Knejjes tal-pajjiżi Kattoliċi Ewropej, fis-sbatax u t-tmintax il-seklu, kienu jibnu b'dan l-istil. Il-Barokk insibuh l-aktar fil-Knejjes ta' l-Awstrija, Belġju, Ġermanja, Italja, Polonja, Portugall u Spanja. Inqas popolari nsibu dan il-bini fi Franza, Olanda, Russja, Skandinavja u Svizzera. Fl-Ingilterra ftit li xejn daħlet din is-sistema ta' bini. Billi dan l-istil ta' bini daħħluh il-patrijiet Ġiżwiti biex jibdew propoganda wara r-riformazzjoni fl-aħħar tas-16-il seklu. Tista' tgħid li fl-Amerka t'isfel, il-knejjes il-kbar huma mibnija fuq dan l-istil barokk.

Il-Knisja ta' San Bert inbniet mill-flus li tħallew minn Dun Bert Mangion biex jgħolli l-isem tal-qaddis San Bert, li fuq kollox kien l-isem ta' dan is-Saċerdot. Niftakar, li waqt il-quddiesa tal-Ħadd f' San Bert, barra t-tfal li konna mmorru l-Mużew, kien ikun hemm tista' tgħid is-Soċji kollha li kienu jgħallmu d-dutrina. Ma' dawn is-Soċji kien ikun hemm is-Superjur Cikku Saliba. Cikku kien bniedem qaddis u għalina t-tfal kien tabilħaqq il-mudell li fuqu lkoll xtaqna nikbru. Iżda ta' tfal li konna, dejjem inkunu ħerqana li nwettqu xi ħaġa ġida.

It-tagħlim tat-tfal subien li konna noqogħdu fl-inħawi ta' San Bert, bdejna mmorru biex nitgħallmu il-katekiżmu, fil-knisja ta' San Bert. Fis-sajf, is-sħana ftit kienet tinħass għaliex il-Kappella, mibnija b'ħitan ħoxnin mad-dawra kollha, ftit li xejn kienet tħalli s-sħana tax-xemx tidħol ġewwa. Iżda mhux hekk kien fix-xitwa. Il-kesħa kienet tiqlieq u miskin hu dak li ma kienx jiġi liebes ħwejjeġ li jsaħħnu. Qabel jibda t-tagħlim, dawk it-tfal li konna naslu xi ftit qabel il-ħin, kienu jħalluna nidħlu fl-ispeċi ta' intrata li hemm wara ż-żewġ bibien iż-żgħar tal-knisja. Forsi konna nistkennu mix-xita, iżda mill-bard ma konniex neħilsuha.

Għall-ewwel bdejna nidħlu u noqogħdu bilqiegħda fuq il-bank ta' wara, li kien jagħlaq minn ġewwa l-bieb ewlieni. Iżda wara ftit bdiet dieħla l-kunfidenza u bosta drabi konna nidħlu fis-sagristija żgħira li hemm fuq in-naħa tax-xellug ta' l-altar, b'tieqa fi Triq il-Blata. Meta min kien jieħu ħsiebna u jgħallimna d-duttrina, intebaħ li mis-saba' bdejna nieħdu l-id, kien sikwit iċanfarna u jgħid li s-sagristija hi post għas-saċerdot u mhux għat-tfal. Il-Knisja kellha dawl baxx ħafna, jew għax ma kinux jinxtegħlu l-bozoz kollha biex ma jinħeliex dawl, jew għax dak iż-żmien tabilħaqq li San Bert kien minsi fid-dlam. Meta fix-xitwa kienet tfaqqa' xi sajjetta, bosta drabi kien jintefa d-dawl. It-tagħlim isir fid-dawl newniem ta' xi fanal li kien jitħalla fil-knisja bi ħsieb. Bosta drabi s-sagristija kienet titħalla bil-bieb miftuħ, u mad-dawl tal-beraq, xi wħud mit-tfal li kienu jkunu faċċata tal-bieb, jilmħu bħal xi ħaġa tbajjad f'nofs tal-kamra. Il-fantasija malajr bdiet titħarrek u f'qasir iż-żmien, inxtegħlet ħuġġieġa li fis-sagristija ta' San Bert bdiet tidher fantażma. Xi Wħud mit-tfal bdew jibżgħu u filgħaxijiet, f'ħin id-duttrina, l-aktar meta jkun hemm temp berqi, it-tfal kienu jonqsu sewwa.

Il-ftit li konna mmorru għat-tagħlim, aktarx li konna nagħmlu dan għax ommna jew missierna ma kinux iridu li nfallu l-Mużew. Iżda, ngħid għalija, dejjem kont inkun maħkum minn biża' kbir u qajla kien ikun moħħi fit-talb u fit-tagħlim. Mhux għalkemm tegħleb il-biża' u tbarriħ mill-moħħ tat-tfal. L-aktar dak iż-żmien meta kulħadd beda jtaqtaq dwar il-Fantażma ta' San Bert. Niftakar li darba waħda, kien il-Ħadd waqt il-quddiesa tas-sebgħa, kien imiss lili flimkien ma' tifel ieħor biex ngħinu lis-saċerdot fil-quddiesa. Ngħid is-sew ħassejt il-biża' jaħkimni meta ħtieġli nidħol fis-sagristija biex nilbes is-suttana u l-ispelliza qabel tibda l-quddiesa. F'ħakka t'għin, is-saċerdot kien diġa libes l-abti tal-quddiesa u jien kont għadni nħares lejn l-irkejjen tas-sagristija, nistħajjel li ser nilmaħ xi fantażma riesqa lejja. Ma nafx jekk f'dak il-jum il-quddiesa għadditlix, imma naf li meta spiċċat, dħalt fis-sagristija wara s-saċerdot u l-abbati l-ieħor. F'kemm trodd salib, neħħejt l-ispellizza u s-suttana, geżwirthom bilġri, u tfajthom taħt abti biex noħroġ 'il barra malajr kemm jista' jkun. Il-qassis neħħa l-pjaneta u l-istola minn fuqu u għal waqt qasir baqa' f'nofs is-sagristija, bil-Kamżu, jew l-Alba, kif konna nsejħulha. Meta neħħa ċ-ċimblu, il-kamżu ddendel ma' qaddu. Dak il-qassis, għal waqt, stħajjiltu l-Fantażma f'nofs is-sagristija ta' San Bert.

Il-Fantażma !

Ballec ! Min jaf jekk il-fantażma ta' San Bert kinitx . . . . . !

Imma ma jistax ikun. Mhux tifel wieħed ra l-fantażma mal-leħħ tal-berqa ! Kont ħerqan li mmur il-Mużew fl-ewwel maltempata li ħakmet. Xita nieżla qliel. Għalkemm mgħotti bl-inċirata u b'beritta mdeffsa f'rasi, xorta wasalt f'San Bert bi ħwejġi mxarrba. Riġlejja ħassejthom għasra. Iżda qajla bdejt nagħti kas. Ridt infittex nasal biex nara nilmaħx il-Fantażma. Il-bieb tas-sagristija kien imbexxaq. Mort lejh b'kuraġġ ta' sur. Iżda, malli tfajt idi fuq il-bieb biex imberrħu kemm xejn oħra, il-biża' ħakimni. Imbuttajt b'ħeffa l-bieb 'il ġewwa u nġbidt 'il bogħod minnu. Dak il-ħin leħħet berqa u f'dawlha lmaħt l-Fantażma tbajjad f'nofs is-sagristija. Malli xegħelt id-dawl, għax sa dak il-ħin kien għadu ma nqatax,ilmaħt il-kamżu jew l-alba tal-qassis, imperrċa fuq spalliera.